*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,682, 3 ta' Diċembru, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 518 tal-2010**

## ATT DWAR IX-XANDIR
## (KAP. 350)

### Regolamenti tal-2010 dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-artikolu 16B tal-Att dwar ix-Xandir, il-Prim Ministru, bi qbil mal-Awtorità tax-Xandir, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2010 dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Diċembru, 2010.

Tifsir.

**2.** (1) Sakemm f'dawn ir-regolamenti ma jkunx meħtieġ mod ieħor -

"l-Att" ifisser l-Att dwar ix-Xandir;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir;

"detentur ta' liċenzja" tfisser kull persuna li għandha permess mill-Awtorità tax-Xandir biex tagħti servizz ta' xandir fuq ir-radju diġitali.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti li huma wżati wkoll fl-Att għandhom l-istess tifsir bħal dak li jingħataw fl-Att.

Liċenzja għal servizz diġitali.

**3.** (1) Ħadd ma jista' jagħti servizz ta' xandir fuq ir-radju diġitali mingħajr il-liċenzja maħruġa mill-Awtorità.

Formola biex tapplika għal-liċenzja tax-xandir fuq ir-radju diġitali.

(2) Il-formola biex tapplika għal-liċenzja tax-xandir fuq ir-radju diġitali qiegħda fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kondizzjonijiet meħtieġa biex tkun tista' tinħareġ liċenzja għax-xandir diġitali fuq ir-radju.

**4.** Id-disposizzjonijiet tal-Att li jipprovdu l-kondizzjonijiet ta' kif għandha tinħareġ liċenzja għas-servizz tax-xandir kollu mal-pajjiż, għandhom mutatis mutandis japplikaw ukoll għas-servizz ta' xandir bir-radju diġitali: iżda l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien iżżid ma' dawn il-kondizzjonijiet jew taddatta kondizzjonijiet speċifiċi għall-esiġenzi tax-xandir bir-radju diġitali.

Tariffi tal-prezzijiet eċċ.

**5.** (1) L-Awtorità għandha tiġbor dawk it-tariffi mingħand id-detentur ta' liċenzja skont kif hemm stabbilit fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Meta l-istess servizz tar-radju li jixxandar man-nazzjon kollu jingħata wkoll fl-istess ħin fuq frekwenza analoga u diġitali mingħajr ma jsir editjar fix-xandira ritrasmessa, tant li kemm it-trasmissjoni analoga kif ukoll ir-ritrasmissjoni diġitali jkunu għal kollox identiċi f'dak li hu kontenut ta' programm, l-Awtorità m'għandha titlob lid-detentur ta' liċenzja ebda ħlas għal dak li jiġi ritrasmess mill-istazzjon li jkun diġà liċenzjat skont m'hemm fl-Att.

(3) Fil-każ maħsub fis-subregolament (2), is-servizz imxandar man-nazzjon kollu bir-radju jitqies li jkun diġà ġie mogħti permess skont l-Att u ma jkunx jinħtieġ li timtela l-formola biex isiru trasmissjonijiet fl-istess ħin, iżda x-xandâr irid jitlob minn qabel l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità biex ikun jista' jittrasmetti simultanjament.

Kemm iddum tiswa liċenzja u kif tiġġedded.

**6.** Sakemm ma titwaqqafx legalment jew jitqassar iż-żmien tagħha skont l-Att jew il-liċenzja, il-liċenzja għax-xandir fuq ir-radju diġitali tibqa' tgħodd għal erba' snin u din il-liċenzja għax-xandir fuq ir-radju diġitali tkun tista' tiġġedded kull erba' snin.

Sottomissjoni ta' skedi ta' programmi.

**7.** Id-detentur ta' liċenzja għandu jipprovdi lill-Awtorità bl-iskeda tal-programmi skont il-format stabbilit u bit-tagħrif kollu mitlub minn żmien għal żmien kif tiddeċiedi l-Awtorità.

Liċenzjar tal-kontenut ta' programm fuq ir-radju diġitali.

**8.** L-Awtorità tista' tagħti liċenzja għal servizz ta' xandir ta' radju diġitali biex joffri numru ta' stazzjonijiet li joriġinaw lokalment permessibbli bil-liġi u li jirritrasmetti stazzjonijiet diġitali barranin.

Kif jiġu organizzati l-kanali.

**9.** (1) Kulmeta matul iż-żmien li liċenzja għax-xandir tkun valida, detentur ta' liċenzja jipproponi li jibdel il-mod kif jiġu organizzati l-kanali fuq is-servizzi ta' radju diġitali kif approvat mill-Awtorità fil-liċenzja tad-detentur ta' liċenzja, id-detentur ta'

liċenzja għandu jikteb lill-Awtorità biex jitlobha l-bidla tal-mod kif inhuma organizzati l-kanali. Min ikollu l-liċenzja għandu jagħti raġunijiet dettaljati kif ukoll kull tagħrif meħtieġ dwar dik l-organizzazzjoni għall-bidla proposta.

(2) L-Awtorità tista' tapprova jew tirrifjuta t-talba.

(3) Meta l-Awtorità tapprova talba bħal din, hija tista' timponi xi kondizzjonijiet raġonevoli skont kif tħoss li jkun jixraq.

(4) Meta l-Awtorità tirrifjuta li tapprova talba bħal din, trid tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tkun ħadet.

Il-provvediment ta' installazzjoni u servizz b'xejn.

**10.** Meta servizz għax-xandir bir-radju diġitali ma jkunx provdut f'sura mhix kodifikata, min ikollu l-liċenzja jrid joffri numru ta' servizzi b'xejn lill-Awtorità skond kif tistabbilixxi hi biex tkun tista' tibqa' timmonitorja dak li jkun qiegħed jiġri. Dan is-servizz b'xejn ifisser l-installazzjoni u l-provvediment ta' servizzi ta' programmar tad-detentur tal-liċenzja.

L-isponsorjar ta' stazzjon tar-radju diġitali.

**11.** (1) L-isponsorjar ta' stazzjon tar-radju diġitali huwa projbit.

(2) Għall-iskop ta' din ir-regola "l-isponsorjar ta' stazzjon" tfisser l-għoti ta' ismijiet tal-kanali lil min jisponsorja.

Trasmissjoni simultanja tar-radji tal-komunità.

**12.** (1) Servizz ta' radju tal-komunità jista' jkollu permess joffri simultanjament servizz fuq pjattaforma jew network ta' radju diġitali għal perijodu li ma jeċċedix sentejn.

(2) L-istazzjon tal-komunità li jkun ipprevalixxa ruħu mid-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) m'għandux iħallas drittijiet ta' liċenzja għajr dawk applikabbli għal stazzjonijiet tal-komunità.

(3) Stazzjon tal-komunità m'għandux jinterrompi l-perijodu ta' trasmissjoni simultanja.

(4) Fi tmiem il-perijodu ta' sentejn ta' trasmissjoni simultanja u dment li l-operatur tal-istazzjon tal-komunità jagħżel li jemigra fuq il-pjattaforma diġitali, dan għandu jieqaf milli jopera bħala stazzjon tal-komunità fuq is-sistema 'analogue'.

(5) Fil-perijodu ta' trasmissjoni simultanja, it-termini u kondizzjonijiet tal-liċenzja maħruġa mill-Awtorità lill-istazzjon tal-komunità jibqgħu fis-seħħ.

Tħassir tar-Regolamenti dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali. L.S. 350.29.

**13.** Ir-Regolamenti tal-2007 dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali huma b'dan imħassrin.

Dispożizzjoni transitorja.

**14.** Minkejja t-tħassir tar-Regolamenti tal-2007 dwar ix-Xandir bir-Radju Diġitali, kull liċenzja li nħarġet skont dawk ir-Regolamenti u li għadha fis-seħħ tibqa' valida u minn issa 'l quddiem għandha tiġi regolata b'dawn ir-Regolamenti.

## SKEDA I

[Regolament 3(2)]

## FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL

## SERVIZZ TA' XANDIR B'RADJU DIĠITALI

### DIRETTIVI ĠENERALI

*(a)* L-applikazzjonijiet iridu jkunu ttajpjati. Jinħtieġu għaxar kopji mimlija ta' din il-formola. Fejn hemm li jindikalek tista' żżid xi folji separati; inkella t-tweġibiet ma jridux jiskorru l-ispazju allokat għalihom. Ma għandhomx jinthemżu appendiċijiet b'tagħrif żejjed jew inkella xi materjal ieħor, (bħal *cassettes*, dokumenti pubbliċitarji), sakemm dan il-materjal ma jkunx speċifikament mitlub. Min ma jimxix ma' dawn ir-rekwiżiti jista' jkollu t-talba tiegħu skwalifikata. Wara li tintbagħat din l-applikazzjoni lill-Awtorità tax-Xandir kull kuntatt li jsir mal-applikant irid ikun fuq inizjattiva tal-Awtorità.

*(b)* Meta din il-formola timtela trid tkun indirizzata liċ-*Chairman* tal-Awtorità tax-Xandir.

### L-EWWEL PARTI – TAGĦRIF ĠENERALI

1a. **L-ISEM, L-INDIRIZZ U N-NUMRU/I TAT-TELEFON TAL-ORGANIZZATURI EWLENIN TA' DIN L-APPLIKAZZJONI**

(għal skop ta' kuntatt: l-aktar, żewġ persuni).

Isem (1) (2)

Indirizz

Telefon

(matul il-ġurnata)

ċellulari

*fax*

*e-mail*

**Ib. QAGĦDA LEGALI TAL-APPLIKANT**

(ara Taqsima 10, subtaqsimiet minn (4) sa (6) tat-Tielet Parti tal-Att dwar ix-Xandir).

**2. KONTENUT U XORTA TA' PROGRAMMAR**

Din hija "l-Wegħda ta' Għemilek". Trid tgħid jekk hux se jkollok programmar ta' kontenut lokali (sa stazzjon wieħed biss), kemm qed titlob li jkollok servizzi tar-radju ritrasmessi u x-xorta ta' programmi li ser jixxandru (bħal mużika, sports, eċċ.) u jekk hux se jkun hemm ħlas għas-servizzi tar-radju.

**3. IL-MEMBRI TAL-GRUPP LI QED JAPPLIKA –** fuq wara agħti l-isem, l-età, l-indirizz, u ċittadinanza **(jek mhux** Maltija) kif ukoll attivitajiet oħra (bħal xi direttorati oħra) ta' kull wieħed. Iddeskrivi fil-qosor x'jaf u kif tgħallem kif ukoll l-esperjenza li fil-qasam, l-aktar dik li għandha x'taqsam mat-tmexxija ta' servizz tar-radju.

**3a. DIRETTUR MANIĠERJALI**

Isem: Età:

Indirizz:

Nazzjonalità:
Kif tgħallem/Esperjenza:

Telefon:

Ċellulari:

*fax*

*e-mail*

**3b. ID-DIRETTURI/IL-KUMITAT MANIĠERJALI**

Agħti t-tagħrif mitlub għal kull individwu, ( jekk ikun hemm bżonn żid il-folji)

Isem: Età:

Indirizz:

Nazzjonalità:
Kif tgħallem/Esperjenza:

Telefon:

Ċellulari:

*fax*:

*e-mail*:

**3c. FISSER KIF U META L-GRUPP LI QED JAPPLIKA KIEN IFFURMAT U KIF ŻVILUPPA.**

Semmi xi organizzazzjonijiet oħra li qed jissapportjaw din l-applikazzjoni.

## 4. IL-ĦADDIEMA

4 a. Lesti rapport strutturali biex turi kif ser jitmexxa l-istazzjon u kif ser taħdem l-organizzazzjoni, bil-postijiet kollha maħsuba għall-ħaddiema u s-salarji li se jkollhom. (Jekk tinħtieġ żid il-folji bid-dettalji).

**4 b. IMPJEGATI EŻEKUTTIVI U TA' GRADI OGĦLA** (inklużi dawk imsemmija f'Taqsima 3) - agħti l-isem, l-età, l-indirizz u n-nazzjonalità (jekk mhux Malti/ja) ta' dawk kollha s'issa mqabbda jew magħżula għal postijiet ta' tmexxija fl-istazzjon jew postijiet oħra ta' gradi għolja. Iddeskrivi fil-qosor x'jaf u kif tgħallem kif ukoll l-esperjenza li għandu fil-qasam, u għid liema post ser jokkupa fil-kumpannija (Jekk hemm bżonn daħħal aktar folji).

4c. Għid kemm hemm b'kollox ħaddiema jaħdmu (i) *full-time* u (ii) *part-time* jew li ser ikunu impjegati f'postijiet imħallsa.

| | (i) *Full-time* | (ii) *Part-time* |
|---|---|---|
| Attwalment impjegati | | |
| Ser ikunu impjegati | | |

4d. Jekk huwa l-każ, għid kemm hemm ħaddiema volontarji (jiġifieri ma jitħallsux) li jikkontribwixxu għat-tmexxija tas-servizz, u kemm jista' jkun hemm voluntiera li jagħtu sehemhom f'ġimgħa normali.

**5. IL-PROGRAMMAR**

5a. Fisser x'ser twiegħed li toffri bħala programmar, għid x'linja se taqbad fis-servizz ta' programmi li biħsiebek tipprovdi. Jekk hu possibbli ipprova għid kemm ħin ser tagħti għall-elementi ewlenin li jixxandru.

5b. Iddeskrivi fil-qosor kif il-programm li qed tipproponi jiddifferixxi minn, u jżid ma', l-għażla li ġa hemm fix-xandir bħalissa.

5c. F'liema ħinijiet tal-jum biħsiebek ixxandar? (Jekk il-ħin ivarja minn jum għall-ieħor, niżżel il-ħin għal kull ġurnata fil-ġimgħa għaliha).

5d. Jekk għandek ħsieb tirritrasmetti kontenut ta' programmi barranin, agħti dettalji dwar dawn l-istazzjonijiet barranin li ser tirritrasmetti minnhom (l-isem u minn liema pajjiż oriġinaw) u ipprovdi wkoll l-aħħar skeda ta' programmi li għandek b'deskrizzjoni tal-kontenut tal-programmi relattivi. Għid ukoll għal kemm-il siegħa kuljum ser iddum tinstema' r-ritrasmissjoni ta' dan is-servizz bir-radju.

6. **ID-DETTALJI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-PJATTAFORMA**

6a. Jekk jogħġbok agħti dettalji dwar il-pjattaforma. Fuq liema pjattaforma ser twassal is-servizz tal-programm tiegħek? Fuq liema frekwenzi diġitali ser jixxandar kull servizz tar-radju?

| L-Isem tas-Servizz tar-Radju | Il-Frekwenza |
|---|---|

Il-lista ta' hawn fuq għandha titqies bħala l-ġabra ta' programmi fil-frekwenza tiegħek.

Jekk jogħġbok ġib ittra mingħand l-operatur tal-pjattaforma li tkun turi li s-servizz tiegħek ser jibqa' jaħdem minn din il-pjattaforma u x'numru ta' frekwenza ser ikollu.

6b. **Servizzi bi ħlas ta' Radju Diġitali**

Ma' kull approvazzjoni oħra li tista' tkun tinħtieġ skont il-liġi biex tipprovdi s-servizzi ta' radju diġitali bi ħlas, jekk għandek ħsieb li tipprovdi servizzi ta' radju bi ħlas, niżżel hawn taħt liema mill-frekwenzi msemmija fuq se jkun jista' jinstema' bi ħlas.

| L-Isem tas-Servizz tar-Radju | Il-Frekwenza |
|---|---|

Jekk jogħġbok agħti kull tagħrif ieħor dwar is-servizzi tar-radju bi ħlas bħal ngħidu aħna d-diversi ħinijiet meta hemm ħsieb li jinstema', kif jitħallas u affarijiet oħra.

7. **IR-RESPONSABBILTÀ' EDITORJALI – L-EDITUR**

7a. Min se jkun reġistrat skont l-Att tal-Istampa bħala l-persuna responsabbli għal kontenut editorjali ta' servizz tar-radju?

Isem u Kunjom:

Indirizz:

Nru. tal-Karta ta' l-Identità.:

Telefon:

*fax*:

*e-mail*:

L-Awtorità trid tkun infurmata uffiċjalment tlett ijiem qabel ma ssir kull bidla dwar it-tagħrif mogħti hawn aktar qabel.

Ta' min jinnota li kull taħrika maħruġa mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għal kull ksur tal-Kostituzzjoni, tal-Att dwar ix-Xandir u kull leġislazzjoni sussidjarja msemmija hawn isfel, inklużi l-linji gwida, it-tattika u l-kodiċijiet tal-prattika, toħroġ kontra l-Editur. L-Editur irid ukoll juri li jaqbel ma' dan imsemmi hawn qabel.

**IT-TIENI PARTI - KONTENUT TA' PROGRAMM LOKALI**

Jekk biħsiebek tapplika għal servizz ta' radju oriġinat lokalment, imla jekk jogħġbok din il-parti tal-applikazzjoni. Jekk biħsiebek tapplika għal aktar minn servizz wieħed ta' radju oriġinat lokalment, imla jekk jogħġbok it-Tieni Parti ghal kull stazzjon. Tista' tapplika għal servizz wieħed biss ta' stazzjon speċjalizzat u sa ħames stazzjonijiet bħalu. Jekk għalissa ma għandekx ħsieb ikteb "MHUX APPLIKABBLI" u kompli imla it-Tielet Parti ta' din il-formola.

8. **KONTENUT TA' PROGRAMMAR LOKALI**

8a. Kif ser jissejjaħ l-istazzjon?

8b. Hemm ħsieb li jkollok servizz ta’ aħbarijiet? Kif ser tagħmel biex tikseb:

Aħbarijiet Nazzjonali?

Aħbarijiet Internazzjonali?

8c. Agħti idea fuq dawn il-paġni ta’ kif tipproponi li tħejji ġimgħa tipika ta’ programmar, billi turi l-ħinijiet tax-xandir u x-xorta ta’ suġġetti li aktarx jidħlu. Uri jekk hemmx ħsieb li jiżdiedu s-sigħat u fil-każ, meta.

B 6124

8c. (ikompli.)

8c. (ikompli.)

| |
|---|
| 8d. X'inhuma, jekk għandek, il-pjanijiet tiegħek biex tħejji u xxandar tagħrif nazzjonali, programmar ta' attivitajiet soċjali jew/u reliġjużi? Daħħal jekk jogħġbok id-dettalji kollha dwar proposti għall-attivitajiet barra x-xandir bħal, ngħidu aħna, provvediment ta' faċilitajiet għal taħriġ. |
| 8e. Jekk se jkun hemm programmar b'lingwi oħra barra l-Malti, għid liema se jkunu u bejn wieħed u ieħor kemm ser jingħata xandir b'dawn il-lingwi. |

**9. L-UDJENZA**

9a. Kemm taħseb li se jirnexxilek tiġbed nies? L-istazzjon tiegħek ser jiġbed xi gruppi partikolari mill-popolazzjoni (jekk hu hekk, liema)? X'xhieda għandek ta' dak li jrid il-poplu għax-xorta ta' servizz ta' programm li qed tipproponi? (Jekk sar xi tiftix speċifiku dwar l-udjenza uża dil-paġna u paġna oħra biex tgħid fil-qosor dak li sibt li kien rilevanti. Tinkludix ma' din l-applikazzjoni rapporti sħaħ ta' tiftix miksuba mill-udjenza).

| |
|---|
| 9b. L-istazzjon kif se jżomm kuntatt mal-veduti tas-semmiegħa u kif ser ikun jista' jirreaġixxi dwar dak li jgħidu fuq is-servizzi mogħtija? |
| 9c. Hemm xi organizzazzjonijiet jew gruppi partikolari f'Malta li taħseb li tinvolvi fuq bażi regolari fl-ipprogrammar tal-istazzjon jew fuq xi bażi ta' konsulenza? |

## IT-TIELET PARTI - IL-FINANZI

### 10. L-ARRANĠAMENTI FINANZJARJI

**10a. Min japplika jrid jissottometti studju ta' analisi dwar dak li jista' jitwettaq u li jkun ikopri mill-inqas tliet (3) snin u li għandu jinkludi:**

(i) Dikjarazzjoni dwar il-mira ta' qligħ jew telf għal kull tliet xhur tal-ewwel sena;

(ii) Dikjarazzjoni dwar il-mira ta' kemm se jkun hemm dħul u ħruġ ta' flus għal kull tliet xhur tal-ewwel sena;

(iii) Pjan proġettat tal-bilanċ tal-pagamenti għal tliet snin;

(iv) Pjan proġettat ta' mnejn jidħlu u kif jitħaddmu l-fondi;

(v) Dettalji dwar l-ipotesi li fuqha sar l-istudju li tista' titwettaq;

(vi) Dettalji dwar arranġamenti finanzjarji;

(vii) Dettalji dwar għotjiet u donazzjonijiet.

**10b.Sehem Kapitali**

Klassijiet ta' sehem kapitali:

| | Numru | Valur Stampat | Prezz Mañruġ (jekk differenti) |
|---|---|---|---|
| Li jivvutaw: | | | |
| Li ma jivvutawx: | | | |
| l-Oħrajn: *(speċifika)* | | | |

10c. **Stokk Misluf**

Jekk ser jinħareġ stokk fuq self, semmi l-ammont (imsellef) u kif ser ikun konvertit jew imħallas.

10d. Niżżel hawn taħt id-dettalji kollha ta’ dawk li għandhom l-ishma u jedd għal vot (mhux ishma nominali ta’ sħubija), u dawk li għandhom ishma bla jedd għal vot ta’ 5% jew aktar kif ukoll self ta’ stokk. (Jekk ikun hemm bżonn tista’ tiżdied paġna oħra).

| Isem l-Investitur | L-Indirizz | Invest. Lm | % tat-total meħtieġ |
|---|---|---|---|

10e. Fisser fil-qosor il-mod kif ser jitkabbar il-kapital mill-ishma/mis-self. (Agħti dettalji ta' xi proposta biex ikollok il-kapital fl-ishma ikkwotat pubblikament).

10f. **Self ieħor**

Jekk tara li hemm bżonn, agħti dettalji dwar is-sellief, ir-rata ta' interessi li jżomm u kif qed jitlob li s-self jitħallas lura.

10g. **Faċilitajiet ta' *overdraft* mill-Bank**

Jekk tkun diġà provviżorjament ftehemt dwar il-faċilitajiet mal-bank, ehmeż ittra mill-bank involut dwar dan.

| | |
|---|---|
| Data tal-Ittra | Mehmuża/Mhux mehmuża (aqta' skont il-bżonn) |

10h. Dettalji dwar l-infiq kapitali.

## 11. TBASSIR DWAR DĦUL U ĦRUĠ TA' FLUS

F'liema sena ta' operat mistenni:

(i) l-ewwel biex tagħmel qligħ kummerċjali?

(ii) biex telimina t-telf kollu li jkun laħaq inġama'?

## 12. IR-REKLAMAR U DĦUL IEĦOR

12a. X'arranġamenti qed tissuġġerixxi biex tbigħ ir-reklamar?

12b. Uri fil-qosor kif wasalt biex tikkalkola d-dħul annwali mill-bejgħ ta' ħin fir-reklami (meta tqis per eżempju, kemm jilħaq nies, il-perċentwal ta' ħin mibjugħ fir-reklami, il-livelli tat-tariffi eċċ.).

12c. Min se jkun responsabbli għar-reklamar fl-istazzjon tar-radjo. (Ikkonferma, jekk jogħġbok, li dak li jkun isir jaf sewwa l-Kodiċi għar-Reklamar u l-Għoti ta' Flus minn Ditti skont kif imsemmi fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar ix-Xandir).

12d. Jekk għandek ħsieb li tiġbor il-flus minn affarijiet oħra minbarra l-bejgħ ta' ħin għar-reklamar (bħal negozjar, produzzjoni kummerċjali, ko-finanzjament eċċ.), niżżel dawn hawn taħt :

| Xorta/għajn ta' dħul | Mistenni dħul fis-sena (Sena 1) Lm | % ta' dħul totali meħtieġ |
|---|---|---|

## 13. INTERESSI OĦRA TA' MIN IKUN QED JAPPLIKA

l3a. Jinħtieġu dettalji ta' kif il-grupp li jkun qed japplika huwa involut fl-attivitajiet imsemmija hawn taħt. Għal dan l-iskop, il-grupp li qed japplika ifisser id-diretturi tal-kumpanija (jew l-ekwivalenti tagħhom), jew xi ħadd li jkollu 5% jew aktar tal-potenzjal ta' xi klassi ta' ishma bil-vot jew kapital misluf jew ukoll kulmin b'xi mod jissottoskrivi 5% jew aktar tal-ħtiġiet tal-fond kif identifikat fuq, f'paragrafu 7b. Għandhom jingħataw dettalji skont dawn il-klassifikazzjonijiet ġenerali li juru, għal kull titlu kemm interess jippossjedi, jiġifieri jew kollu tiegħu, jew interess kontrollat (bid-daqs tiegħu), jew interess minuri (bid-daqs tiegħu). Jekk dan ma jgħoddx għalik niżżel 'Xejn'.

(i) L-Aġenziji tar-Reklamar.

(ii) Il-manifattura tad-diski jew l-istampar ta' xogħlijiet tal-mużika.

(iii) Il-promozzjoni tax-xandir ta' reġistrazzjoni ta' ħsejjes jew ta' xandir ta' xogħlijiet mużikali li jingħataw.

(iv) Il-kisba ta' impjieg jew xogħol għal min jirreċta jew għal nies biex jieħdu sehem fi programmi fuq it-televiżjoni u tar-radju.

(v) Il-gazzetti, inklużi dawk li għandhom l-ishma jew oqsma fi grupp li jkollhom kontroll sostanzjali fuq gazzetta jew aktar.

l3b. Agħti dettalji ta’ xi rabta bejn il-grupp applikant (kif imfisser fuq) u li ġej:

(i) Xandir bir-radju, bit-televiżjoni u ħidmiet oħra marbuta (bħal Tqassim ta’ *wire* għar-radju jew għat-televiżjoni, għas-satellita u-t-televiżjoni bil-*cable*).

(ii) Postijiet ta’ divertiment jew attivitajiet oħra ta’ divertiment.

(iii) Affarijiet oħra naturali li huma rilevanti jew għandhom x’jaqsmu max-xandir.

(iv) Rabta ma’ organizzazzjonijiet għal kollox jew bil-parti l-kbira tagħhom ta’ natura reliġjuża.

(v) Rabta ma’ organizzazzjonijiet għal kollox jew bil-parti l-kbira tagħhom ta’ natura politika.

**14.** ***STUDIOS*** (Qabel ma ssir offerta ta' liċenzja, l-Awtorità ma tixtieqx jgħidulha liema kumpanija ta' inġinerija jew konsulenza, jekk ikun hemm, qed tagħti jew ser tibda tipprovdi pariri u servizzi lill-applikant).

14a. Fejn qed tissuġġerixxi li jkunu l-i*studio(s)* tiegħek (jekk tafu agħti l-indirizz attwali)? Għalxiex qed tintuża bħalissa din il-proprjetà?

14b. Xi trattament akustiku u ta' iżolament biħsiebek tqis għall-i*studio(s)* tiegħek?

14c. Fuq karta separata, ħażżeż pjan fuq skala approssimattiva tal-i*studio(s)* tiegħek, tat-taqsimiet tekniċi u kmamar oħra ewlenin bil-qisien kollha tagħhom.

14d. Fuq karta separata, niżżel u għid kemm iqum l-apparat kollu tal-i*studio* li għandek jew li biħsiebek tixtri billi tagħti speċifikazzjonijiet *proforma*.

14e. Żid jekk jogħġbok xi punti tekniċi dwar l-i*studios* ma' dawk li ġà tajt minn taqsima 12a sa 12d.

| |
|---|
| 14f X'arranġamenti biħsiebek tagħmel biex tqabbad l-i*studio(s)* tiegħek mat-trasmettitur? |
| **l5. ID-DATA META JITLESTA**<br><br>Wara kemm żmien li tkun lest biħsiebek tibda xxandar wara li tingħata l-liċenzja?<br><br>X'inhuma l-fatturi ewlenin li jwassluk għad-data ta' meta tkun lest ? |

Niddikjara, li sa fejn naf jien, id-dettalji mogħtija fl-applikazzjoni għall-liċenzja biex inkun nista’ nagħti servizz ta’ xandir b’radju diġitali huma korretti, u li jien ukoll qrajt l-Att dwar ix-Xandir u nifhem il-kondizzjonijiet li bihom jinħarġu l-liċenzji tax-xandir. Nifhem ukoll li jekk jien ningħata din il-liċenzja, kull rekordjar ta’ *tapes*, apparti *tapes* kummerċjali, *records* jew diski (bil-ħinijiet) iridu jsiru u jinżammu għal disgħin jum qabel ma jkunu riċiklati u jekk id-dħul ta’ telefonati jkun parti mill-programmar tal-istazzjon, jinħtieġ li jkun installat mekkaniżmu li jitlajja u li jingħataw istruzzjonijiet biex fejn ikun hemm bżonn jintuża.

Firma:

Isem (Ittri kbar):

Kariga mal-grupp applikanti:

## SKEDA II

[Regolament 5]

1. Ħlas li jrid isir mal-applikazzjoni għal servizz ta' radju diġitali:
   a) Għal servizz wieħed ta' stazzjon oriġinat lokalment ta' radju diġitali €1,164

   b) Għal aktar minn servizz wieħed ta' radju diġitali ritrasmettenti. €1,164

2. Bla ebda ħsara għas-subregolament 12(2), l-ebda ħlas ta' liċenzja ma jkun dovut lill-Awtorità tax-Xandir sal-ewwel sentejn li fihom tinħareġ il-liċenzja sakemm dan il-ħlas ma jsirx mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem.

3. Il-ħlas tal-liċenzji għal servizz ta' radju diġitali li joriġina lokalment għandu jsir darba fis-sena fuq bażi annwali mill-1 ta' Jannar 2013 u huwa: €7,000

4. Ħlasijiet li jridu jsiru mat-tiġdid tal-applikazzjoni għal servizz ta' radju diġitali oriġinat lokalment. €5,000

5. Ħlasijiet li jridu jsiru darba fis-sena fuq bażi annwali mill-1 ta' Jannar 2013 kif ġej għal servizzi ritrasmessi ta' radju diġitali li joriġinaw minn barra l-gżejjer Maltin:

i) sa 10 stazzjonijiet €2,350
ii) bejn 11-il stazzjon u 50 stazzjon €4,500
iii) aktar minn 50 stazzjon €7,000.